**30 ta' Marzu, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL.D.**

Joseph Mifsud *et noe*

*versus*

Giovanni *sive* Gianni Vella

**Ritrattazzjoni - Artikoli 811, 812 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Sentenza u l-Effett Tagħha kien ta' Żball li Jidher mill-Att jew mid-Dokumenti tal-Kawża**

*Il-Qorti ċaħdet talba għal ritrattazzjoni għaliex sabet illi l-bażijiet indikati mil-libellant ma kinux jinkwadraw rwieħhom f'ebda wieħed mill-artikoli dwar ir-ritrattazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-atti tal-libell li bih il-libellant espona:

"Illi b'ċitazzjoni ppreżentata quddiem din l-Onorabbli Qorti l-attur ippremetta li peress illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' tlett elef, erba' mija, wieħed u erbgħin lira u tletin ċenteżmu (Lm3,441.30,0) prezz ta' diversi partiti ta' frott u ħaxix lilu debitament mibjugħa u kkonsenjati bejn April tas-sena l-oħra u l-4 ta' Jannar ta' din is-sena. U peress illi interpellah iħallas dina s-somma anke permezz ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Frar, 1994 u l-konvenut baqa' inadempjenti għalkemm dejjem jgħid li sejjer iħallas; talab lill-konvenut jgħid għar-raġunijiet premessi u dawk li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża u ddispensat mis-smigħ tal-kawża *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili in vista ta' l-*affidavit* tiegħu għaliex m'għandux il-konvenut jiġi min dina l-Onorabbli Qorti:

Ikkundannat iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma fuq indikata ta' Lm3,441.30,0 bl-imgħax fuq dik is-somma mid-data ta' l-aħħar konsenja, i.e. dik ta' l-4 ta' Jannar, 1994. Bl-ispejjeż;

Illi l-esponenti kien preżenti l-Qorti dakinhar tal-kawża fid-9.00 a.m. flimkien ma' Alfred Galea Blk. A, Flat 18, Triq G. Grech Delicata, Birkirkara u ġie nfurmat mill-uffiċjal inkarigat fl-Awla tal-Qorti li l-kawża ġiet differita. L-atturi kienu preżenti u raw lill-esponenti;

Illi l-fatti fis-sempliċita' tagħhom huma:

Illi l-esponenti jixtri ħaxix u frott mingħand il-libellat;

Illi l-esponenti ħallas diversi drabi lil-libellat għax-xogħol li

xtara u dan anke fil-perijodu fejn qed jintalab li jħallas;

Illi t-talbiet ta' l-attur huma eċċessivi u l-*invoices* ma ġewx iffirmati mill-esponenti;

Illi b'sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1994 il-Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi "tilqa' t-talba ta' l-atturi *nomine* kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Illi t-talbiet ta' l-attur libellat li fuqhom ingħatat is-sentenza hawn fuq imsemmija huma biss supposizzjonijiet stante li t-talbiet ta' l-attur libellat huma bbażati fuq *invoices* li mhumiex iffirmati mill-esponenti u mhux il-valur kollu mitlub ġie ikkonsenjat lill-esponenti;

Illi b'hekk il-kawża għandha tiġi ritrattata peress li kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan a tenur ta' l-artikolu 811 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li ġab l-infraskritta malliverija għall-ispejjeż ta' din ir-ritrattazzjoni u waqt li għamel referenza għall-provi ġa' prodotti u rriserva li jipproduċi dawk il-provi l-oħra kollha lilu permessi bil-liġi, talab li din il-Qorti tal-Kummerċ jogħġobha tiddikjara li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet imsemmija **Joseph Mifsud *et noe versus* Giovanni *sive* Gianni Zammit** ta' l-10 ta' Mejju, 1994 hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża fl-ismijiet premessi **Joseph Mifusd *et noe versus* Giovanni *sive* Gianni Zammit** ta' l-10 ta' Mejju, 1994 u tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża;

Bl-ispejjeż kontra l-attur libellat";

Rat ir-risposta tal-libellati li biha esponew:

"Preliminarjament illi l-garanti offert mhux idoneu u qed jiġi rrifjutat;

Fil-meritu, illi d-domandi kkontenuti fil-libell ta' ritrattazzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi mhux minnu illi s-sentenza li fuqha qed tintalab ir-ritrattazzjoni kienet l-effett ta' *żball*;

Il-konvenut libellant fil-ġurnata iffissata għas-smigħ tal-kawża la tela' l-Qorti u bl-ebda mod ma pprova jikkontesta t-talba attriċi. Ma jistax allura, issa jinqeda bil-proċedura ta' ritrattazzjoni biex jirranġa nuqqas tiegħu ta' seba' xhur ilu;

Il-konvenut libellant lanqas biss indenja ruħu li jappella mis-sentenza fuq imsemmija u qiegħed juża din il-proċedura ta' ritrattazzjoni biex iqajjem eċċezzjonijiet li seta' faċilment iressaq dakinhar quddiem l-ewwel Qorti biex jikkontesta t-talba ta' l-atturi *libellanti*;

Illi l-atturi libellanti ddikjaraw bil-ġurament illi l-ammont minnhom mitlub fiċ-ċitazzjoni kien dovut u l-Qorti tat sentenza a bażi ta' dik id-dikjarazzjoni ġuramentata kif tagħti fil-kawżi kollha li jkunu bil-giljottina jew li fihom il-konvenut ikun kontumaċi. Li kieku sentenzi ta' din il-kwalita` kellhom jiġu ritrattati għax il-Qorti ma tkunx daħlet fil-meritu ta' jekk l-*invoices* ikunux ġew esebiti jew jekk kinux iffirmati jew jekk il-valur kollu jkunx ġie kkonsenjat, allura wieħed jista' litteralment jarmi l-Liġi tal-proċedura tagħna

bil-konsegwenza li n-numru ta' kawżi pendenti quddiem il-Qrati tagħna jibqa' jiżdied;

Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet kontenuti fil-libell għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-libellant";

Rat l-atti kollha tal-libell u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tal-15 ta' Diċembru, 1994 li bih il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-smigħ bl-appuntament bil-ħin għat-28 ta' Frar, 1995;

Rat il-verbal tat-28 ta' Frar, 1995 li fih ġie hekk irreġistrat:

"Meta ssejħet il-kawża deher biss Dottor Kenneth Grima għal-libellati Mifsud. Billi l-kawża kienet iddifferita għal-lum bil-ħin għall-provi u l-libellant ma pproduċihomx; billi l-meritu tal-kawża jidher li hu aktar punt ta' liġi milli ta' fatti, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-30 ta' Marzu, 1995";

Ikkunsidrat:

Il-libell hu talba għar-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-<u>10 ta' Mejju, 1994</u>. Il-libell ġie ppreżentat fl-<u>10 ta' Awissu, 1994</u>. Hu ppruvat li ma sarx appell minn dik is-sentenza. Imkien fil-libell mhu allegat illi l-libellant sar jaf bis-sentenza mogħtija kontrih <u>wara</u> li skada t-terminu ta' l-appell. Jidher għalhekk li mhux applikabbli għal każ id-dispost ta' l-artikolu 812 tal-Kapitolu 12 li jagħti l-opportunita` tar-rimedju eċċezzjonali tar-ritrattazzjoni minn sentenza <u>mogħtija minn Qorti ta' l-ewwel grad</u> biss fil-każijiet fejn il-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni <u>wara</u> li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell. Altrimenti l-

liġi tippretendi li l-parti kellha tużufruwixxi mir-rimedju ordinarju ta' l-appell u jekk dan ma tagħmlux titlef id-dritt għar-ritrattazzjoni;

L-artikolu 816 jipprovdi illi fil-libell għar-ritrattazzjoni l-libellant għandu jsemmi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 811 li jgħoddu għar-raġunijiet li bihom immotiva t-talba għar-ritrattazjoni. L-artikolu indikat mil-libellant fil-libell hu l-artikolu 811 (2) tal-Kapitolu 12. Artikolu li ma jeżistix. Jekk il-libellant ried forsi jgħid is-sub-inċiż (b) ta' l-artikolu 811 li jelenka "ir-raġunijiet għar-ritrattazzjoni", dan ukoll hu żbaljat għax dan is-sub-inċiż jittratta sitwazzjonijiet *toto coelo differenti minn dawk prospettati mil-*libellant. Ċirkostanzi li jirrigwardaw jekk iċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet innotifikata lill-parti telliefa basta li dik il-parti għad li ma tkunx ġiet innotifikata ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża. Finalment ir-raġunijiet dedotti mil-libellant għar-ritrattazzjoni ovvjament ma jaqgħu taħt l-ebda wieħed mis-sub-inċiżi ta' l-artikolu 811; lanqas fuq is-sub-inċiż (1) li jagħti r-rimedju tar-ritrattazzjoni jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Hu ovvju illi f'kawża deċiża bil-proċedura speċjali għas-smigħ *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili s-sentenza hi bbażata unikament fuq il-kontenut *tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur u fuq in-nuqqas ta'* apparenza tal-konvenut jew in-nuqqas tiegħu li jikkonvinċi lill-Qorti li kellu eċċezzjonijiet validi x'jopponi għat-talba attriċi;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-libell billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-libellati u tiċħad it-talba tal-libellant għar-ritrattazzjoni tal-kawża msemmija fil-libell;

L-ispejjeż jitħallsu mil-libellant.